# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 596/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Francesca Saveria Bonnet**

bint Carmel Dimech, imwieled Pieta', fit-23 ta' Lulju, 1981, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru449481(M)

u

**Sandro Bonnet**

iben Anthony, imwieled Pieta', fl-10 ta' Lulju, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 372174(M)

Illum, 21 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Francesco Saveria Bonnet u Sandro Bonnet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-4 ta' Marzu,2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. Bħala l-persuni li żammew jew qablu li jżommu xi annimali ġiegħlu lill-istess annimali, fosthom għasafar, fniek u klieb, isofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u abbandunawhom talli nżammu f'gaġġeġ żgħar ħafna u mingħajr ilma u ikel u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (2), Taqsima IV, tal-Kapitolu 439 Dwar il-Ħarsien ta' l-Annimali;

2. Talli fl-istess żmienijiet, ħin, lok u ċirkostanzi żammew annimali jew qablu li jżommu annimali għandhom u ma kinux responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) u 8(3), Taqsima IV, tal-Kapitolu 439 Dwar il-Ħarsien ta' l-Annimali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ikkundannathom multa ta' hames mitt Euro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellanti Francesca Saveria Bonnett u Sandro Bonnett ipprezentat fl-20 ta' Dicembru, 2012 fejn talbu li din il-Qorti joghgobha tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija [Spettur Ramon Mercieca] v. Francesca Saveria Bonnett u Sandro Bonnett tal-10 ta' Diċembru 2012 u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1) Illi fl-ewwel lok, jiġi umilment sottomess illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fis-sejbien ta' ħtija tagħha u dana stante li l-provi prodotti jiżmentixxu kompletament il-lanjanza ewlenija tal-prosekuzzjoni, u senjatament illi l-intimati ma segwewx id-direttivi tal-animal welfare f'dak li għandu x'jaqsam qisien ta' gaġġeġ.

Illi filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonfermat illi fil-kors tal-proċeduri ma ġewx prodotti l-ebda guidelines, dwar x'għandu jkun id-daqs tal-gaġġa anzi tqajjem dubju dwar l-eżistenza ta' tali guidelines, l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat il-provi kollha miġjuba mid-difiża u sabet ħtija rigward il-moħqrija tal-annimali minn ritratt wieħed li juri żewġt iklieb li skond l-Ewwel Qorti ma kellhomx fejn jiċċaqalqu u kienu esposti għall-elementi.

Illi fin-nuqqas tal-ewwel prova, ossija l-prova tal-guidelines ta' x'għandhom ikunu l-qisien tal-gaġġeg, huwa non sequitur illi l-Ewwel Onorabbli Qorti mbagħad sabet illi l-gaġġa li fiha jidhru l-klieb de quo, kienet żgħira għall-klieb in kwistjoni.

Illi kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija v. Mario Aquilina, mogħtija nhar l-20 ta' Ottubru, 2011 mill-Maġistrat Antonio Giovanni Vella, sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-allegazzjonijiet tagħha, hija trid tagħmel eżami akkurat b'dana li jiġi stabbilit il-qies ta' kull gaġġa u jekk hux adegwat għall-annimal li kien hemm ġo fih, u għaldaqstant ritratt waħdu mhuwiex biżżejjed: "Il-Prosekuzzjoni kellha tagħmel eżerċizzju akkurat fejn tistabilixxi, …. X'kien il-qies ta' kull gaġġa u jekk kienx adegwat għall-annimal li kien fih". Illi fil-każ in kwistjoni dan ma sarx, u mhux talli ma sarx talli kemm is-Sur Emanuel Buhagiar a fol. 21, kemm l-Ispettur Ramon Mercieca a fol 36, kemm is-Sur John Said a fol. 47 – kollha xhieda tal-prosekuzzjoni – igħidu li qisien ta' kemm għandhom ikunu kbar il-gaġġeġ ma jeżistux. Illi għal kuntrarju, l-intimati t-tnejn xehdu u spjegaw fid-dettall il-fatti nkluż dawk li jikkonċernaw ir-ritratt de quo, u tellgħu numru ta' xhieda inkluż pulizija li jeskludu kompletament it-teżi tal-prosekuzzjoni rigward allegata moħqrija.

Illi di più, kemm mix-xhieda mressqa mill-imputati, speċjalment PC 574 Emanuel Buhagiar u PS 255 Guido Grima (fol. 99 sa 108) xehdu kategorikament illi huma qatt ma rriskontraw ebda episodji ta' moħrqrija jew irċevew xi rapport dwar moħqrija tal-annimali dwar l-imputati u dana li jżuru l-post regolarment kemm bħala pulizija u kif ukoll bħala dilettanti tal-annimali.

Illi dan joħroġ ċar ukoll mill-kontro-eżami tal-Ispettur prosekutur Ramon Mercieca li a fol. 36 jgħid li ma ra l-ebda moħqrija tal-annimali u lanqas ħmieġ. L-unika ħaġa li jgħid li ra l-Ispettur

Mercieca huwa li kien hemm xi gaġġeg mhux simettriċi u li kien hemm xi għasafar "naqra crowded" – ċertament ma jistax jingħad li dan jikkostitwixxi prova ta' moħqrija tal-annimali, u dana iktar u iktar wara li l-Ispettur Mercieca stess jgħid li ma ra l-ebda moħqrija!

Illi għalhekk jiġi umilment sottomess illi mill-provi kollha prodotti ma setgħet qatt l-Ewwel Onorabbli Qorti tasal għal sejbien ta' ħtija.

2) Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jingħad illi l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal sejbien ta' ħtija minn ritratt li ġie esebit mill-prosekuzzjoni. Illi rigward ir-ritratt li l-Ewwel Onorabbli, ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni hija waħda altament konfliġġenti u dana peress, illi is-Sur Manuel Buhagiar a fol. 18 tal-proċess igħid li fit-tieni ispezzjoni (tal-4 ta' Marzu 2010) kien mar waħdu: "it-tieni darba mort jien qisni waħdi qed tifhem". Imbagħad in kontro-ezami (a fol. 27) jgħid illi miegħu kien hemm persuna li jgħid li jisimha Janice Chetcuti.

Min-naħa l-oħra, John Said li allegatament ħa r-ritratt li fuqu l-Ewwel Qorti sabet il-ħtija jgħid li kien hu li ħa r-ritratt fl-ispezzjoni tal-4 ta' Marzu 2010! A fol. 47 tal-proċess infatti nsibu li s-Sur John Said jgħid hekk: "Nikkonferma li jiena kont preżenti meta Emanuel Buhagiar kien, fil-fatt flimkien għamilna l-ispezzjoni fil-planet pet shop 109, Misrah Il-Barriera, Santa Venera fl-4 ta' Marzu, 2010. Kont jiena illi f'dik l-okkażjoni ħadt xi ritratti. Qed niġi muri d-dokument MB2 a fol. 32 et seq tal-proċess. Nikkonferma li dak ir-ritratt li hemm anness mar-rapport kont ħadtu jiena".

Għaldaqstant ix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija waħda altament kunfliġġenti anke f'dak illi jirrigwarda l-unika prova (ossija r-ritratt) li fuqu l-Qorti sabet il-ħtija. Jekk kien John Said li verament ħa r-ritratt nhar l-4 ta' Marzu, 2010, kif jista' wieħed jispjega li s-sur Buhagiar qal li dak in-nhar tal-4 ta' Marzu 2010 kien hemm biss Janice Chetcuti miegħu.

Illi huwa risaput illi l-prosekuzzjoni trid iġġib prova temporali, u senjatament iġġib provi relatati mad-dati indikati fl-akkuża. Huwa ovvju allura illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess, ma nġabitx prova li r-ritratt jirrisali għaż-żmien indikat fl-akkuża u dana stante li x-xhud ewlieni tal-

prosekuzzjoni, is-Sur Emanuel Buhagiar jikkontradiċi lil John Said (li ħa r-ritratt) u jikkonferma li dak in-nhar tal-4 ta' Marzu, 2010 marru għall-ispezzjoni s-Sur Buhagiar u Janice Chetcuti biss. Illi għaldaqstant anke f'dan ir-rigward, anke kieku wieħed kellu għall-grazzja tal-argument biss jieħu r-ritratt de quo bħala prova ta' moħqrija tal-annimali, ċertament ma jistax jingħad illi ġie ppruvat li dan ittieħed nhar l-4 ta' Marzu, 2010 jew fix-xhur ta' qabel.

Illi fuq dan il-punt issir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza il-Pulizija v. Michael Cini (30 ta' Lulju 2004), sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija v. Fabian Grima (18 ta' Jannar, 2002) u sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. German Dyrk (2 ta' April, 2009), fejn ikkwotat is-sentenza ta' Michael Cini u qalet hekk: "Minħabba din l-inċertezza fid-dati, il-Qorti qed timxi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Krimiali u qeghda tillibera lill-imputat".

Illi għaldaqstant jidher biċ-ċar illi, minħabba li hemm konflitt ċar dwar id-data tar-ritratt de quo, dana qatt ma seta' jintuża bħala prova għas-sejbien tal-ħtija tal-imputati. Illi peress illi din kienet l-unika prova li fuqha bbażat il-ħtija l-Ewwel Qorti, loġikament u konsegwentement, l-appellanti għandhom jiġu liberati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.  Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda

taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti jirrizulta car li ma hemm ebda direttivi invigore fil-pajjiz dwar x'inhuma l-istandards ta' animal welfare, senjatament kif ghandhom jinzammu l-annimali fil-gaggeg jew konteneturi ohra ghaz-zamma ta' l-istess. Madankollu l-ewwel Qorti starhet fuq ix-xhieda ta' l-ispetturi tal-animal welfare u din il-Qorti taqbel perfettament ma tali analizi. Jirrizulta skont ix-xhieda ta' l-istess spetturi li l-klieb u l-ghasafar li kienu f'dan il-pet shop ma kellhom ebda ikel jew ilma ghad-dispozizzjoni taghhom u dan zgur hu dwejjaq ghal dawn l-annimali u 'this is putting it mildly'.

Illi dwar l-aggravju tar-ritratt din il-Qorti hi sodisfatta li tal ritratt gie mehud fil-hanut in kwistjoni u minnu jirrizulta car li l-gagga fejn hemm iz-zewg tiklieb hi zghira u ma hemm ebda ilqugh adegwat mix-xemx.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Francesca Saveria Bonnet u Sandro Bonnet u tikkonferma s-sentenza appellata.